2) L-Artikolu 32(2)(b)(ii) tar-Regolament Nru 1307/2013, b'mod partikolari l-kliem "kull żona li tkun tat dritt għall-pagamenti fl-2008 skont l-iskema ta' pagament uniku jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja stabbiliti, rispettivament, fit-Titoli III u IVA tar-Regolament [tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008]", għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest ta' applikazzjoni għall-attivazzjoni ta' drittijiet ta' art imwarrba għal żona afforestata taħt din id-dispożizzjoni, iż-żona kkonċernata kellha tkun is-suġġett, fl-2008, ta' applikazzjoni għal għajnuna skont l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1782/2003, kif emendat bir-Regolament Nru 479/2008, segwita minn kontroll amministrattiv ta' eliġibbiltà skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-regolament, u, jekk ikun il-każ, minn kontroll fuq il-post skont l-Artikolu 25 tal-imsemmi regolament. Il-kundizzjonijiet l-oħra kollha meħtieġa fit-Titoli III u IVa tal-istess regolament għall-ibbenefikar minn pagament dirett għandhom barra minn hekk ikunu ġew issodisfatti.

(1) ĠU C 206, 17.6.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Diċembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation – Franza) – Adina Onofrei vs Conseil de l'ordre des avocats au barreau de Paris, Bâtonnier de l'ordre des avocats au barreau de Paris, Procureur général près la cour d'appel de Paris

(Kawża C-218/19) (1)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-persuni – Libertà ta' stabbiliment – Aċċess għall-professjoni ta' avukat – Eżenzjoni minn taħriġ u minn ċertifikat professjonali – Għoti tal-eżenzjoni – Kundizzjonijiet – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-eżenzjoni favur l-uffiċjali u l-ex uffiċjali fil-kategorija A jew assimilati li għandhom prattika professjonali tad-dritt nazzjonali, fit-territorju nazzjonali, fis-servizz pubbliku nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat jew f'organizzazzjoni internazzjonali)

(2021/C 53/05)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Adina Onofrei

Konvenuti: Conseil de l'ordre des avocats au barreau de Paris, Bâtonnier de l'ordre des avocats au barreau de Paris, Procureur général près la cour d'appel de Paris.

Dispożittiv

L-Artikoli 45TFUE u 49 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

— jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżerva l-benefiċċju ta' eżenzjoni mill-kundizzjonijiet ta' taħriġ professjonali u ta' pussess taċ-ċertifikat ta' kapaċità għall-professjoni ta' avukat, previsti, bħala prinċipju, għall-aċċess għall-professjoni ta' avukat, għal ċerti membri tal-persunal tas-servizz pubbliku ta' Stat Membru li jkunu eżerċitaw f'din il-kwalità, f'dan l-Istat Membru, f'amministrazzjoni jew f'servizz pubbliku jew f'organizzazzjoni internazzjonali, u li tipprekludi mill-benefiċċju ta' din l-eżenzjoni lill-uffiċjali, lill-membri tal-persunal jew lill-ex membri tal-persunal tas-servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea li jkunu eżerċitaw f'din il-kwalità fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni u barra mit-territorju Franċiż.

— ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżerva l-benefiċċju ta' tali eżenzjoni għall-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tkun eżerċitat attivitajiet legali fil-qasam tad-dritt nazzjonali, u li teskludi mill-benefiċċju ta' din l-eżenzjoni lill-uffiċjali, lill-membri tal-persunal jew lill-ex membri tal-persunal tas-servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea li jkunu eżerċitaw f'din il-kwalità attivitajiet legali f'qasam wieħed jew iktar li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni, sakemm hija ma teskludix it-teħid inkunsiderazzjoni ta' attivitajiet legali li jinkludu l-prattika tad-dritt nazzjonali.

(1) ĠU C 182, 27.05.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-17 ta' Diċembru 2020 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja

(Kawża C-316/19) [1]

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 343 TFUE – Privileġġi u immunitajiet tal-Unjoni Ewropea – Statut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) – Artikolu 39 – Privileġġi u immunitajiet tal-BĊE – Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 2, 18 u 22 – Prinċipju tal-invjolabbiltà tal-arkivji tal-BĊE – Konfiska ta' dokumenti fil-bini tal-Bank Ċentrali tas-Slovenja – Dokumenti marbuta mat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ u tal-Eurosistema – Artikolu 4(3) TUE – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali)

(2021/C 53/06)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u B. Rous Demiri, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentanti: V. Klemenc, A. Grum, N. Pintar Gosenca u K. Rejec Longar, bħala aġenti)

Intervenjent insostenn tar-rikorrenti: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: K. Kaiser, C. Zilioli, F. Malfrère u A. Šega, aġenti, assistiti minn D. Sarmiento Ramírez-Escudero, abogado)

Dispożittiv

1) Billi wettqet unilateralment il-konfiska ta' dokumenti marbuta mat-twettiq tal-kompiti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Eurosistema fil-bini tal-Banka Slovenije (il-Bank Ċentrali tas-Slovenja) u, fir-rigward tal-perijodu ta' wara din il-konfiska, billi ma kkooperatx lealment mal-Bank Ċentrali Ewropew f'dan il-qasam, ir-Repubblika tas-Slovenja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 343 TFUE, l-Artikolu 39 tal-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, l-Artikoli 2, 18 u 22 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 4(3) TUE.

2) Ir-Repubblika tas-Slovenja għandha tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

3) Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

(1) ĠU C 187, 3.6.2019.